MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 351/2000/1

**Philip GATT**

**vs**

**John Mary VASSALLO f'ismu proprju u għan-nom tas-soċjeta' Vassallo Vibro Blocks Limited; u, għal kull interess li jista' jkollu, Ġużi Cardona, u b'degriet tal-1 ta' Ottubru, 2001, l-atti tal-kawża ġew leġittimati f'isem Raymond, Mariella mart Walter Shaw, Josephine mart it-Tabib Jean-Carl Soler, Carmen mart Dione Xuereb u Ruth mart Noel Sammut, konsegwenti l-mewt ta' John Mary Vassallo**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-24 ta' Frar, 2000, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li jiġi dikjarat li maġenb garaxx tiegħu fi Triq Għarram, f'Ħaż-Żebbuġ, Malta, hemm sqaq privat li minnu għandu jedd jgħaddi biex jidħol sabiex jilħaq il-parti ta' ġewwa ta' għalqa tiegħu; talab ukoll li jiġi dikjarat li, l-imħarrek Vassallo

ikkommetta spoll billi saqqaf parti mill-imsemmi sqaq privat, u biex l-istess Vassallo jiġi ordnat ireġġa'lura kollox għalli kien qabel u, fin-nuqqas, l-attur jiġi awtorizżat jagħmel ix-xogħlijiet meħtieġa. L-istess talbiet iressaqhom ukoll kontra l-imħarrek Ġużi Cardona li l-attur jixlih li poġġa għadd kbir ta' travi tal-azzar fuq il-parti msaqqfa tal-isqaq;

Illi l-imħarrek Vassallo laqa' b'Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa minnu fit-13 ta' Marzu, 2000, u li fiha qal li huwa personalment ma messux ġie mħarrek għaliex l-art fejn sar ix-xogħol li minnu jilminta l-attur m'hijiex tiegħu imma tal-kumpannija mħarrka; billi qal li ma jeżistux l-elementi tal-azzjoni tal-ispoll; u billi qal li l-attur irid juri li tassew jeżisti l-jedd ta' passaġġ u li saru xogħlijiet abbużivi u illegali;

Illi l-imħarrek Cardona, b'Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa minnu fit-13 ta' Marzu, 2000, laqa' billi qal li l-attur irid juri li huwa jgawdi servitu' ta' mogħdija mill-isqaq u li m'għadux jista' jgawdi l-imsemmija servitu' bħala riżultat tal-bini tas-saqaf. Qal li t-travi tal-azzar poġġihom fuq il-bejt bir-rieda tal-imħarrkin l-oħrajn, li jgħidu li l-bejt huwa tagħhom;

Rat ix-xhieda mogħtija mill-partijiet u mix-xhud imressqin minnhom;

Aċċediet fuq il-post;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fis-7 ta' Jannar, 2004[1];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fid-19 ta' April, 2004[2], bi tweġiba għal dik imressqa mill-attur;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukat tal-imħarrek Cardona waqt is-smigħ tas-6 ta' Mejju, 2004;

[1] Paġġ. 116 sa 127 tal-proċess
[2] Paġġ. 131-8 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha tas-6 ta' Mejju, 2004, tal-14 ta' Ottubru, 2004, u tad-9 ta' Diċembru, 2004, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi l-ewwel konsiderazzjoni ta' dritt li l-Qorti trid tagħmel iddur madwar l-għamla ta' azzjoni mibdija mill-attur. Mill-mod kif inhi mfassla u kif ukoll mit-talbiet magħmula jidher ċar li din hija azzjoni mħallta. Fiha premessi u talbiet li huma ta' xejra petitorja u ta' bixra pussessorja fl-istess waqt. L-aspett petitorju m'huwiex, x'aktarx, daqshekk prevalenti, minħabba li kulma qiegħed jintalab hija dikjarazzjoni li skond pjanti tal-inħawi "suppost" hemm sqaq privat li minnu l-attur għandu jedd jgħaddi biex jilħaq l-għalqa tiegħu. L-azzjoni attriċi tenfasiżża aktar l-aspett possessorju, u b'mod partikolari x-xilja tal-għamil ta' spoll bi ħsara għall-attur. Dwar dan l-aspett hemm it-tliet talbiet li normalment wieħed isib fl-azzjoni ta' re-integrazzjoni tal-pussess (l-*actio spolii*);

Illi huwa mgħallem li ż-żewġ għamliet ta' azzjoni – dik possessorja u dik petitorja – ma joqogħdux flimkien u ma jistgħux jiġu proposti f'azzjoni waħda. Dan jingħad kemm għaliex il-qofol tal-indaġni li l-Qorti trid tagħmel f'kull waħda minnhom hija għal kollox differenti fiż-żewġ għamliet ta' kawża, kemm għaliex in-natura taż-żewġ kawżi titlaq minn bażi ġuridika distinta, u kif ukoll – u mhux anqas – minħabba li azzjoni li tifrex il-mira tagħha fuq livelli ġuridiċi daqstant distinti ma tgħin lill-ebda parti fil-kawża (la lill-attur, li b'hekk jitlef il-kjarezza meħtieġa biex l-azzjoni tiegħu tkun tgħodd, u lanqas lill-parti mħarrka, li għandha dritt li tagħraf kif u fuq liema binarju sejra tiddefendi lilha nnifisha)[3];

[3] Ara App. Ċiv. **10.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Buħaġiar et vs Emanuel Buħaġiar*** u App. Ċiv. **6.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Farr Ltd. Vs Norman Cutajar***

Illi l-Qorti lesta tqis li l-aspett “petitorju” tal-azzjoni attriċi ddaħħal sempliċement biex jiġi stabilit l-oġġett tal-pussess li l-attur jgħid li għandu dwar l-isqaq privat, u mhux bħala determinazzjoni ta’ dritt rejali li l-attur jista’ jkollu fuq l-istess sqaq. Meħuda f’dawn il-parametri, l-azzjoni attriċi tieħu s-sens xieraq tagħha u żżomm il-karattru ta’ azzjoni possessorja. Fuq dan jidher li hemm qbil ukoll min-naħa tal-imħarrkin;

Illi huwa stabilit li l-azzjoni ta’ spoll hija msejsa fuq l-ordni pubbliku u hija maħsuba bħala azzjoni mħaffa u effikaċi biex ma tħalli ‘l ħadd li jieħu l-liġi b’idejh u jxekkel stat ta’ fatt, u biex, jekk dan isir, min ikun għamel dan l-att jerġa’ jqiegħed kollox minnufih kif kien, qabel kull indaġni oħra[4] (*spoliatus ante omnia restituendus*). F’din l-azzjoni huwa meħtieġ jiġu ippruvati tliet (3) elementi, u jiġifieri (a) il-pussess; (b) it-teħid tiegħu b’għamil tal-imħarrek u (ċ) li l-azzjoni nbdiet fi żmien xahrejn minn dak it-teħid;

Illi dwar <u>l-ewwel element</u>, huwa meħtieġ li jintwera li, fil-waqt li sar l-għamil ilmentat, l-attur kien fil-pussess imqar materjali jew ta’ fatt[5]. Minbarra dan, il-pussess ma għandux ikun ekwivoku imma fid-dieher, ukoll jekk ikun għal waqt qasir[6], u l-Qorti għandha tillimita ruħha biss biex tqis il-fatt tal-pussess[7] u dak tal-ispoll[8]. Mhux meħtieġ li l-pussess li jista’ jitħares minn azzjoni bħal din ikun wieħed esklussiv[9]. Huwa magħruf ukoll li din l-azzjoni tħares il-pussess ta’ eżerċizzju ta’ dritt. B’mod partikolari, jista’ jkun il-każ fejn persuna jkollha pussess jew detenzjoni ta’ jedd maħluq minn stat ta’ fatt;

Illi l-liġi għandha dispożizzjoni speċifika għall-każ ta’ kif jitqies il-pussess f’każ ta’ servitu’[10] wkoll. Iżda l-iżjed ħaġa rilevanti għall-finijiet tal-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum hu li wieħed jista’ jitkellem dwar pussess tutelabbli wkoll fejn tali eżerċizzju ta’ jedd ma jkunx imnissel minn

[4] Ara App. Ċiv. **9.3.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Cardona vs Tabone et*** (mhux pubblikata)
[5] App.: **26.1.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Vassallo Gatt noe vs J. Camilleri pro et noe*** (Kollez. Vol.: **LXXX.ii.306**)
[6] P.A. : **21.2.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***G.M. Tonna vs G.M. Tonna***
[7] App.: **4.12.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Aquilina noe et vs L. Debono*** (Kollez. Vol:**LXXXII.ii.1217**)
[8] P.A. **12.6.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Ċilia et vs L. Camilleri et*** (mhux pubblikata)*;*
[9] P.A.: **21.1.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***A. Pisani et vs V. Farruġia*** (mhux pubblikata);
[10] Art. 537 tal-Kap 16

titolu, li n-nuqqas tiegħu m'huwiex ta' xkiel għall-eżerċizzju tar-*remedium spolii*[11];

Illi għar-rigward ukoll tal-element tal-pussess, huwa stabilit li meta gabilott iressaq l-azzjoni ta' re-integrazzjoni dwar mogħdija li jallega li jkun ġie mċaħħad mill-pussess tagħha, huwa jkun jeħtieġlu jipprova li għandu l-pussess jew il-kważi-pussess tal-istess mogħdija, u mhux biżżejjed li juri l-jedd li jgħaddi minn hemm[12]. Issa mill-provi mressqin mill-attur[13], jidher ċar li l-isqaq li l-attur jallega li safa spoljat minnu kien **użat** minn bosta u kien sqaq privat, imma ma kienx miżmum jew possedut mill-attur jew mill-awturi tiegħu fis-sens ta' pussess għall-finijiet tal-azzjoni ta' spoll;

Illi tqanqal ukoll dubju min-naħa tal-imħarrkin Vassallo u l-kumpannija tiegħu dwar kemm tassew jista' jingħad li l-attur kellu pussess tal-isqaq. Dan id-dubju tqanqal mill-fatt li l-attur bena ħajt bla tebqiet fih bejn ħwejġu u l-istess sqaq. L-argument tal-imħarrkin hu li l-attur eskluda lilu nnifsu u bid-dieher minn kull pretensjoni ta' pussess, ladarba seta' jidħol fl-għalqa ta' wara l-bini tiegħu mill-bitħa. Dawn il-fatti ġew kostatati mill-Qorti waqt l-aċċess li għamlet;

Illi bilkemm għandu għalfejn jingħad li l-kwestjoni dwar jekk il-jedd pretiż mill-attur kienx tassew stabilit bit-titolu jew bil-mogħdija taż-żmien jew jekk kienx wieħed limitat għal jedd ta' passaġġ bir-riġel jew jekk kienx usa' m'hijiex kwestjoni li jmissha titqanqal fil-proċess tal-azzjoni ta' spoll, u lanqas, fil-fehma tal-Qorti, m'għandha titqies unilateralment. Din hi kwestjoni ta' natura petitorja, li t-tarf tagħha jinstab fi proċess petitorju. Għalhekk l-argument imressaq mill-kumpannija mħarrka fin-Nota studjata tagħha fis-sens li l-attur ma wera l-ebda titolu jew dokument li javalla l-pretensjoni tiegħu fuq l-isqaq ma hux wieħed li jgħodd f'azzjoni bħal din;

---

[11] App. Ċiv **21.4.1947** fil-kawża fl-ismijiet ***Cortis et vs Sammut*** (Kollez. Vol: **XXXIII.i.55)**
[12] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Sammut vs Emanuel Sammut***
[13] Affidavit ta' Joseph Ċilia 9.7.98, Dok "PG2", f'paġġ. 28-9 tal-proċess

Illi f'din il-kawża, l-imħarrkin inħlew bi sforzi kbar biex jistabilixxu l-jedd tagħhom patrimonjali fuq il-medda li kienet tikkostitwixxi l-isqaq, meta dan ma kienx rilevanti għall-azzjoni pussessorja li għandha quddiemha l-Qorti llum. L-imħarrek Vassallo seħaq bil-kbir dwar dan l-aspett: imma għall-għanijiet ta' din il-kawża dan huwa immaterjali, u l-jeddijiet minnu vantati jibqgħu impreġudikati ikun x'ikun l-eżitu għall-atturi f'din il-kawża;

Illi, madankollu, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru, din il-Qorti ssib li l-aħjar li jista' jingħad fir-rigward tal-attur hu li jekk kellu pussess tal-isqaq fis-sens ta' pussess tutelat mill-azzjoni ta' spoll, dan kien wieħed dubjuż u ma ntweriex fi grad tajjeb biżżejjed kif kien id-dmir tal-attur li jagħmel;

Illi, dwar it-tieni element, huwa meħtieġ li jintwera li l-għamil spoljattiv ikun wieħed arbitrarju u magħmul kontra r-rieda tal-possessur b'mod li jista' jagħti lok għal azzjoni ta' danni kontra min ikun wettqu[14]. Huwa wkoll maħsub li l-għamil irid ikun wieħed vjolenti jew imqar mistur għall-għarfien tal-persuna li kellha l-pussess[15];

Illi, ġie mfisser ukoll li l-kliem "*vis aut clam*" li jirradikaw dan l-element tal-azzjoni, mhux tabilfors jissarraf f'għamil ta' tkissir jew qerda ta' oġġett miżmum mill-attur jew li fih huwa jġarrab xi ħsara fiżika, għaliex huwa biżżejjed li l-għamil spoljattiv isir kontra r-rieda tiegħu jew mingħajr ma jitħalla jintebah bih[16];

Illi mill-provi mressqa, jirriżulta li l-isqaq kien jeżisti u li dan issaqqaf mill-imħarrek Vassallo[17]. L-imħarrek l-ieħor Cremona iddikjara li ma kellu x'jaqsam xejn mat-tisqif tal-isqaq u lanqas kien ġie mgħarraf b'dak li kien se' jsir minn qabel. Huwa jikri mingħand il-kumpannija mħarrka[18] l-ambjent li nħoloq bit-tisqif tal-isqaq. Iżda huwa minnu wkoll li l-avviż ta' infurzar maħruġ mill-Awtorita' tal-

[14] P.A. **30.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Vella pro et noe. vs S. Micallef*** (Kollez. Vol: **LXXV.iii.695**)
[15] App. Ċiv. **9.1.1976** fil-kawża fl-ismijiet ***A. Mizzi noe vs R. Clark noe***
[16] App. Ċiv. **20.1.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Desira vs Lungaro*** (Kollez. Vol: **XLV.i.19**)
[17] Xhieda ta' Ġużi Cardona 21.11.2001, f'paġġ. 62-3 tal-proċess
[18] Dok "VB1", f'paġ. 74 tal-proċess

Ippjanar inħareġ fil-konfront tiegħu ukoll[19]. Jirriżulta wkoll li l-imsemmi sqaq kienu jinqdew bih bdiewa li kellhom l-egħlieqi tagħhom fejn illum hemm l-impjant immexxi mill-kumpannija mħarrka li kienet xtrat dawk l-egħlieqi[20];

Illi f'dan il-każ, ma hemm l-ebda dubju li l-attur ma qabilx ma' dak li sar u lanqas jidher li ġie mitlub jagħti l-kunsens tiegħu għax-xogħlijiet li saru. Huwa wera l-oppożizzjoni tiegħu għal dak li sar ukoll fil-konfront tal-awtorita' kompetenti[21], ukoll jekk imġiebtu f'dan ir-rigward kienet xi ftit ekwivoka, kif sejjer jissemma 'l quddiem;

Illi, fil-każ preżenti, dan l-element tal-azzjoni huwa ippruvat kif imiss;

Illi <u>dwar it-tielet element</u>, il-liġi trid li l-azzjoni għat-tneħħija tal-effetti tal-ispoll għandha tinbeda fi żmien xahrejn. Dan iż-żmien huwa meqjus bħala terminu ta' dekadenza[22]. Bħal kull wieħed ieħor mill-elementi tal-azzjoni, dan il-fatt għandu jiġi pruvat mill-attur. Iżda meta l-kwestjoni taż-żmien tittella' mill-imħarrek bis-saħħa ta' eċċezzjoni, allura l-prova li l-azzjoni ta' spoll privileġġat saret barra żmienha taqa' fuq l-istess imħarrek, kif jipprovdi l-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[23];

Illi dwar il-kwestjoni taż-żmien li fiha jmissha ssir il-kawża għandu jingħad li tinqala' l-problema dwar minn meta għandu jibda jintgħadd it-terminu ta' xahrejn li tiffissa l-liġi. Dan jinħoloq b'mod partikolari meta l-għamil spoljattiv ikun sar minn wara dahar il-persuna li kellha l-pussess. Kien hemm każijiet fejn il-qrati għamlu distinzjoni bejn meta l-għamil ta' spoll ikun wieħed li sar darba u fejn l-għamil ikun att li jippresisti, u għalhekk inħoloq il-ħsieb li l-azzjoni tibda jew minn meta l-persuna li tteħdilha l-pussess intebhet bl-ispoll jew meta l-att persistenti ntemm[24]. Iżda, fil-fehma tal-Qorti, qari xieraq taż-żewġ artikoli tal-liġi li jitkellmu dwar l-azzjoni privileġġata tal-ispoll (l-artikolu 791

[19] Xhieda tal-A.I.Ċ. Reuben Abela 13.2.2002, f'paġ. 80 tal-proċess
[20] Affidavit ta' Joseph Bonello 12.6.2003, f'paġ. 104-6 tal-proċess
[21] Xhieda tal-A.I.Ċ. Reuben Abela 6.12.2000, f'paġġ. 31-2 tal-proċess
[22] P.A. NC **13.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Alfred P. Farruġia et ne vs Peter Paul Cutajar***
[23] App. Ċiv. **18.6.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***N. Vassallo vs F. Esposito*** (mhux pubblikata) u App. Ċiv. **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Rita Micallef et vs Paul Galea et***
[24] P.A. **19.1.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Attard*** (mhux pubblikata)

tal-Kap 12 u l-artikolu 535 tal-Kap 16) ma jħallux għażla għal dik li għandha tkun it-tifsira xierqa li jmissha tingħata dwar minn meta għandu jintgħadd iż-żmien ta' xahrejn: dan għandu jibda jitqies minn dak inhar tal-ispoll[25];

Illi l-attur, fin-nota ta' sottomissjonijiet mirquma tiegħu, jissuġġerixxi li hemm żewġ għamliet ta' azzjoni ta' spoll – dik li trid tinbeda fi żmien xahrejn mill-għamil spoljattiv (sejħilha "spoll privileġġat") u dik li tista' tinbeda wara (sejħilha "spoll"). Għalkemm l-argumenti mressqa għandhom kontenut akkademiku interessanti, l-Qorti ma tistax tqishom bħala mistħoqqa. Fid-dritt Malti hemm azzjoni waħda ta' spoll u mhux tnejn. F'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal-kumpannija mħarrka. L-argumenti jew preċedenti ġudizzjarji li setgħu jagħtu 'l wieħed jaħseb li kien hemm azzjoni "parallela" hija x'aktarx ir-riżultat ta' taħwid bejn l-azzjoni ta' spoll kif riedha l-leġislatur Malti u l-azzjoni bl-istess isem fid-dritt ċivili Taljan;

Illi fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, dan l-element taż-żmien m'hemmx dubju li m'huwiex soddisfatt u dan għaliex l-attur innifsu jistqarr[26] li x-xogħlijiet li ċaħħduh milli jibqa' jgħaddi mill-isqaq saru bejn tlitt u tminn snin qabel ma nfetħet il-kawża. Stqarrija ta' din iċ-ċirkostanza tinstab ukoll fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu[27]. Minbarra dan, tali fatt jirriżulta minn provi oħrajn ukoll[28], mhux anqas fosthom dak fejn intwera li l-attur innifsu kien tħallas mingħand l-imħarrek Vassallo d-dritt spettanti lilu għall-appoġġ eżerċitat bit-tqegħid tas-saqaf biex jgħatti l-isqaq sa mill-1984[29]. Dawn il-provi juru li l-attur kien jaf b'dak li kien qiegħed jiġri, ukoll jekk ma kienx jaqbel ma' dak li sar;

Illi biex isseħħ l-azzjoni tal-ispoll huwa meħtieġ ukoll li t-tliet elementi msemmija hawn ikunu kollha pruvati li jesistu, b'mod illi jekk jinstab, per eżempju, li l-attur naqas

[25] App. Ċiv. **4.12.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. F.X. Vassallo noe vs J. Baldacchino et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.1354**)
[26] Xhieda tiegħu 13.10.2000, f'paġ. 21 tal-proċess
[27] Paġ. 124 tal-proċess
[28] Xhieda tal-A.I.Ċ. Reuben Abela in kontro-eżami 6.12.2000, f'paġ. 38 tal-proċess
[29] Dok "RV1", f'paġ. 73 tal-proċess

li jressaq l-azzjoni fiż-żmien ta’ xahrejn, l-azzjoni taqa’ minħabba n-nuqqas ta’ wieħed mill-elementi meħtieġa;

Illi għalhekk, fil-każ preżenti, l-azzjoni tal-attur ma tistax tirnexxi għaliex l-elementi kollha tal-azzjoni ma jirriżultawx;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi l-kawża billi:

Filwaqt li **għall-finijiet tal-ewwel talba attriċi** tiddikjara li fuq in-naħa tal-ġenb tal-ġid tal-attur kien hemm sqaq privat li minnu wieħed kien jaċċedi minn triq pubblika (illum iġġib l-isem ta’ Triq Għar Ram) għall-ambjenti retroposti tal-ġid tal-attur u l-egħlieqi ‘l ġewwa minn hemm;

**Tiċħad it-talbiet l-oħrajn attriċi,** u dan peress li ma jirriżultawx l-elementi kollha meħtieġa tal-azzjoni mibdija mill-attur, bl-ispejjeż kontra l-attur.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------